DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR211457** **03.08.2021**

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

L-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati jagħmel referenza għal rapporti li dehru dan l-aħħar fil-media dwar l-aċċess għall-gallarija tal-pubbliku fil-Parlament u f'dan il-kuntest qiegħed jippubblika kontro-protest li ġie ppreżentat illum fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.

**Attachments: pdf** 

3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700
**press.releases@gov.mt** **www.doi.gov.mt**

296/21

Fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili.

**F' l-atti tal-Protest Gudizzjarju Nru**

**Repubblika (Organizazzjoni volontarja registrata mal-Kummissarju tal-Ghaqdiet Volontarji bin-numru VO 1670 u mar-Registratur tal-persuni Leglai LPA-122)**

**Vs**

**L-Onorevoli Anglu Farrugia**

**Speaker tal-Kamra tad-Deputati**

**L-Iskrivan tal-Kamra**

**Sur Raymond Scicluna**

Piez €15.00
3 Reg €18.00
3 Nct €3.60
€36.60

REGISTRY SUPERIOR COURT
No:
03 AUG 2021
177
PAID

Kontro-protest tal-**Onorevoli Anglu Farrugia K.I. Nru 62256M Speaker tal-Kamra tad-Detutati, kif ukoll L-Iskrivan tal-Kamra Raymond Scicluna K.I. Nru 682958M.**

Jesponu bir-riespett:

Li biha jirrespingi bhala kompletament infondati u bla bazi il-pretenzjonijiet mill-protestanti avanzati fil-protest taghhom fuq imsemmi;

Illi huwa wisq naturali li l-attendenza fil-Kamra hija regolata unikament u biss mill-Kamra tad-Deputati kif ghandu jkun f'demokrazija li tirrispetta lillha nnifisha;

Illi r-raguni tar-rifjut kienet ragonevoli, kif ser jigi muri iktar il-quddiem. Inoltre mhuwiex minnu li issa qed tidher skema mill-Ispeaker tal-Kamra u mill-Iskrivan tal-Kamra li jghalqu kull access tal-

pubbliku fl-Istrangers Gallery. Tant mhux hekk li l-Ispeaker tal-Kamra u l-Iskrivan tal-Kamra kienu strumentali sabiex minbarra fuq ir-radju, id-dibattitti tal-Kamra bdew jigu mxandra live u fl-intier tagħhom fuq stazzjoni televiżiv. Il-kontro-protestati huma wkoll responsabbli li jaraw li l-istess dibattiti jiġu streamed live fuq is-sit elettroniku tal-Parlament kif ukoll li jsiru aċċessibbli immedjatament wara li s-seduta tiġi aġġornata. Dan kollu jippermetti li s-seduti tal-Kamra jistghu jigu segwiti minn min huwa interessat anke mil-Awstralja u mid-dinja kollha. Inoltre, dejjem baqa jingħata aċċess għall-membri tal-media li xogħolhom huwa li jirrapportaw dak li jiġi dibattut fil-Parlament.

Illi l-protestanti jargumentaw li:

"Illi kulhadd jaf, u dan ghandu ikun ukoll ghak-konoxxenza tal-protestati illi pajjizna nehha hafna mir-restrizzjonijiet tant li l-portijiet, l-ajruport, il-barijiet, hwienet u restoranti, illum huma kollha miftuhin, oltre li llum ukoll il-pajjiz huwa minn ta' quddiem fil-programm ta' tilqim;"

F'dan ir-rigward il-kontro protestanti jinnotaw li l-pandemija ghada prezenti u ghalhekk il-Kamra ghandha kull dritt li tiehu dawk il-mizuri li jidrilha necessarji biex tigi salvagwardata s-sahha tar-rapprezentanti tal-poplu. Id-deċiżjoni tal-Ispeaker li jżomm magħluqa l-gallerija tal-pubbliku ħlief għar-reporters, fil-fatt kienet ibbażata fuq deċiżjoni meħuda b'mod unanimu fil-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tal-5 ta' Ottubru 2020 (ara dokument anness) liema deċiżjoni sal-lum għadha ma ġietx revokata la mill-istess Kumitat u lanqas mill-Kamra. Dan in-nuqqas ta' revoka tad-deċiżjoni tal-5 ta' Ottubru 2020 ġie anke konfermat fl-aħħar Seduta Parlamentari tat-30 ta' Lulju 2021. Għalhekk din id-deċiżjoni tal-Kumitat għada torbot lis-Sedja fid-direzzjonijiet li tagħti lill-Iskrivan tal-Kamra fir-rigward. Qiegħda tinġibed ukoll l-attenzjoni tal-protestanti għall-Ordni Permanenti 165 tal-Kamra tad-Deputati li jgħid li ebda barrani ma huwa ammess bi dritt. Għaldaqstant id-decizjoni tal-Ispeaker kienet in linja mar-regolamenti tal-Kamra u mal-ftehim viġenti.

Ghalhekk filwaqt li jiddifidawk milli tiehu passi ohra li jpoggu lill-kontro-protestati in dolo, mora u kulpa skond il-ligi, l-istess kontro-protestati jirrifjutaw bil-qawwa kollha l-allegazzjonijiet kollha avanzati minkom fil-protest fuq imsemmi.

Professur Ian Refalo,
61 Triq San Pawl, Valletta
Tel: 21223515
Email: ian@refalo.legal;

Av. John Refalo.

Notifika: Avv. Paul Borg Olivier, 25/22 Stairt Street, Valletta.
Avv. Andrew Borg Cardona, BCGL Advocates, 56 Melita Street, Valletta.

Repubblika, Pjazza tal-Knisja, Mqabba.

**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**IT-TLETTAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI DWAR IX-XOGĦOL TAL-KAMRA**

**LAQGĦA NRU 30**

**It-Tnejn, 5 ta' Ottubru 2020**

Il-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra ltaqa' fil-Kamra tal-Kumitati 3 fil-binja tal-Parlament, il-Belt Valletta, fit-3.11 p.m.

L-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia, ippresieda.

**PREŻENTI**

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa l-Onor Chris Fearne, il-Ministru għall-Ġustizzja, l-Ugwaljanza u l-Governanza l-Onor. Edward Zammit Lewis, l-Onor. David Agius, l-Onor. Glenn Bedingfield u l-Onor. Robert Cutajar.

**MINUTI**

Il-Minuti tal-Laqgħa Nru 29 tas-6 ta' Lulju 2020 ġew ikkonfermati.

**MIŻURI KONTRA L-FIRXA TAL-COVID FIL-PARLAMENT**

L-Ispeaker informa illi l-Uffiċċju tiegħu qiegħed isegwi b'mod kontinwu l-pariri mogħtija mill-awtoritajiet tas-saħħa lokali kif ukoll dak li qegħdin jagħmlu parlamenti oħra Ewropej sabiex jipproteġu lill-Membri Parlamentari u l-i*staff* tal-parlamenti mill-Covid-19.

Huwa fakkar li miżuri li ddaħħlu fil-bidu tal-pandemija, ċjoè *sanitisers* f'diversi punti fil-binja, tindif aktar regolari u l-estensjoni tal-arranġamenti tat-*telework* għall-impjegati tal-Parlament kienu għadhom fis-seħħ.

Huwa ssuġġerixxa illi diversi miżuri oħra li kienu fi-seħħ fil-bidu tal-pandemija għandhom jerġgħu jiddaħħlu, u ċjoè:

- barranin – ħlief membri tal-*media* – ma jkunux permessi fl-i*strangers gallery*;
- għall-kumitati għandhom jattendu biss barranin li jkunu ġew mistiedna jidhru quddiem il-kumitat jew li jkunu strettament neċessarji biex il-kumitati jiltaqgħu, iżda f'kull każ dawn għandhom jingħataw l-opportunità li jipparteċipaw fil-laqgħat b'mod virtwali;
- ma għandhomx ikunu organizzati attivitajiet fil-binja bħal seduti speċjali, esebizzjonijiet, eċċ; u

- żjarat minn studenti u l-pubbliku in ġenerali eċċ, kemm fi gruppi u kemm individwali, m'għandhomx ikunu aċċettati.

Huwa żied illi jrid jiġi kkunsidrat jekk l-użu tal-maskri jew *visors* fil-binja għandux jiġi rakkomandat għal dawk il-persuni kollha li jidħlu fil-binja, u f'każ ta' Membri Parlamentari jkun possibbli illi l-maskra titneħħa meta jkunu qed jitkellmu jew fil-plenarja jew waqt xi kumitat.

Il-Kumitat qabel ma' dawn ir-rakkomandazzjonijiet.

L-Onor. Robert Cutajar talab sabiex il-*microphones* fis-Sala u fil-kmamar tal-kumitati jiġu *sanitised* minn seduta għal oħra u sabiex issir *sanitisation* tal-binja kollha issa l-Parlament qiegħed ikompli bix-xogħol tiegħu wara l-waqfa tas-sajf.

**XOGĦOL TAL-KAMRA**

L-Onor. Glenn Bedingfield, Whip tal-Gvern, informa lill-Kumitat dwar il-programm ta' xogħol li l-Gvern kien beħsiebu jressaq fil-Kamra fil-ġimgħatejn li kien imiss. Huwa indika illi fil-Kamra matul dik il-ġimgħa għandhom jibdew jiġu diskussi fi stadju ta' Tieni Qari l-abbozzi li ġejjin:

1. Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 4) (Abbozz Nru 150);
2. Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni Ċivili (Abbozz Nru 148); u
3. Abbozz ta' Liġi dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità (Abbozz Nru 160).

Matul il-ġimgħa ta' wara l-Kamra għandha tiddiskuti wkoll żewġ abbozzi li kienu għadhom mhux ippubblikati u li l-Ewwel Qari kellu jsir fis-seduta ta' dakinhar. Il-Whip tal-Gvern informa lill-Kumitat illi aktar kmieni huwa kien għadda l-ismijiet ta' dawn l-abbozzi lill-Whip tal-Oppożizzjoni.

L-Onor. Bedingfield informa lill-Kumitat li l-Budget 2021 ser jinqara mill-Ministru għall-Finanzi nhar it-Tnejn, 19 ta' Ottubru, bir-risposta tal-Kap tal-Oppożizzjoni ssir nhar it-Tnejn, 26 ta' Ottubru u r-risposta tal-Prim Ministru ssir it-Tlieta, 27 ta' Ottubru 2020, bil-vot jittieħed nhar it-Tlieta stess. Dawn is-seduti għandhom jibdew fis-6.00 p.m. bl-ewwel nofssiegħa tkun għall-Mistoqsijiet Parlamentari, u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx.

Bejn l-Erbgħa, 28 ta' Ottubru u l-Ġimgħa, 6 ta' Novembru 2020 il-Kamra għandha tirriżolvi ruħha f'Kumitat ta' Provvista sabiex tiddiskuti l-estimi tad-diversi Ministeri. Il-Whip tal-Gvern għadda skeda proviżorja ta' seduti lill-Oppożizzjoni. Il-Kumitat qabel li Mistoqsijiet Parlamentari għandhom isiru biss fis-seduti ta' filgħodu. L-Ispeaker fakkar lill-Kumitat illi l-iskeda tas-seduti konnessi mal-Estimi Ġenerali għandha tkun finalizzata mill-aktar fis sabiex tkun tista' tiġi mressqa l-mozzjoni ta' proċedura relattiva.

## XOGĦOL IEĦOR

**Xandir tad-diskorsi konnessi mal-Budget 2021**

Inkonnessjoni mal-ewwel tliet seduti li għandhom x'jaqsmu mal-Budget 2021, il-Kumitat qabel li bħal fis-snin li għaddew għandhom isiru dawn l-arranġamenti għall-*media*:

1. fis-sala tal-Parlament, b'żieda mal-*cameras* fissi tal-Parlament, għandu jkun hemm biss il-*cameras* tal-PBS u li l-istess PBS jagħti *clean feed* lil kull stazzjon televiżiv li jkun jixtieq ixandar dawn is-seduti;
2. il-PBS jagħti *clean feed* lil kull *service provider* li jkun jixtieq ixandar dawn is-seduti *online*;
3. isiru l-arranġamenti neċessarji sabiex waqt it-trażmissjonijiet imsemmija, ikun hemm servizz għal persuni neqsin mis-smigħ; u
4. fil-bidu tas-seduti msemmija aktar 'il fuq, fotografi u *cameramen* jitħallew jidħlu għall-ewwel ftit minuti, kemm fil-parti tal-Kamra li tiġi wara l-Ispeaker kif ukoll fl-*area* riżervata għall-*media* fit-tieni sular.

Il-Kumitat qabel ukoll illi l-Ispeaker għandu jikkomunika mal-PBS sabiex fejn jidħlu r-*reaction shots*:

1. ikun hemm tqassim ekwu kemm f'dik li hi alternanza kif ukoll fit-tul ta' ħin; u
2. li tali *shots* ma jkunux *close-ups* fuq xi Membru partikolari iżda jkunu jinkludu Membri oħrajn li jkunu wara l-Membru partikolari.

Dwar biljetti għall-i*strangers' gallery*, il-Kumitat qabel illi minħabba l-miżuri biex tkun ikkontrollata l-firxa tal-Covid-19 u in vista tal-fatt li barranin mhux ser ikunu permessi fl-i*strangers' gallery*, din is-sena mhux ser jitqassmu biljetti lill-Whips.

**Pjani Finanzjarji tas-Servizz Parlamentari għas-Snin 2020 u 2021**

L-Ispeaker fakkar lill-Kumitat illi kif maqbul fil-laqgħat preċedenti, għandha tinstab data meta l-Kumitat jista' jiltaqa' sabiex jiddiskuti l-Pjan Finanzjarju tas-Servizz Parlamentari għas-Sena 2020, liema laqgħa għandu jieħu sehem fiha l-Ministru għall-Finanzi.

L-Ispeaker irrimarka wkoll illi wara proċess ta' *tender* is-Servizz Parlamentari kien qiegħed jikkonkludi kuntratt ma' RSM Malta għal *outsourcing* ta' ċerti servizzi ta' *accounts*, primarjament f'dak li jikkonċerna l-implimentazzjoni ta' sistema ġdida sabiex is-Servizz jaqleb minn sistema *cash-based* għal waħda *accruals* u sabiex jiġu ppreparati *financial statements* professjonali kif rakkomandaat mill-Awditur Ġenerali fl-*audit* tas-Servizz Parlamentari għall-2018. Dan l-eżerċizzju ser jgħin ukoll sabiex il-Pjan Finanzjarju għall-2021 ikun jista' jitfassal b'mod dejjem aktar professjonali u fuq bażi aktar soda.

L-Ispeaker qassam lill-Membri korrispondenza mill-Ministeru għall-Finanzi u s-Servizzi Finanzjarji li fiha s-Servizz Parlamentari ngħata l-assigurazzjoni illi f'każ li jiżdiedu l-impjegati jew il-Membri Parlamentari, l-allokazzjoni relattiva tiġi riveduta biex tirrifletti din iż-żieda.

Il-Kumitat qabel li l-Kumitat jista' jikkunsidra ż-żewġ pjanijiet tas-Servizz Parlamentari, ċjoè dawk tal-2020 u tal-2021, f'laqgħa waħda li għandha tkun iffissata aktar 'il quddiem.

**Ombudsplan 2021**

L-Ispeaker informa lill-Kumitat illi fis-seduta ta' dakinhar se jkun qed iqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-Ombudsplan għas-sena 2021 li ġie ppreżentat lilu mill-Ombudsman fl-14 ta' Settembru 2020. Huwa rrimarka li dan id dokument irid jiġi diskuss mill-Kumitat qabel ma jista' jkun approvat mill-Kamra u għalhekk għandha tinstab data li tkun konvenjenti għal kulħadd.

**Estimi Finanzjarji tal-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika**

L-Ispeaker informa lill-Kumitat illi l-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika kien għaddielu kopja tal-Esimi Finanzjarji tal-Uffiċċju tiegħu għas-sena 2021, u qassam kopja ta' dawn l-estimi lill-Membri tal-Kumitat.

Peress illi l-Att dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika jgħid biss illi dawn għandhom jiġu approvati mill-Kamra, l-Ispeaker issuġerixxa illi tiġi adottata l-istess proċedura li tintuża fil-każ tal-Ombudsplan u tal-Estimi tas-Servizz Parlamentari, ċjoè li l-ewwel jiġi diskuss fil-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra u wara ssir mozzjoni fil-Kamra għall-approvazzjoni tal-istess pjan. Id-Deputat Prim Ministru l-Onor. Chris Fearne rrimarka li tibqa' xorta l-possibiltá li ssir diskussjoni dwar dawn l-estimi f'seduta fil-Kamra wara li jkunu ġew diskussi fil-Kumitat.

***National Action Plan on Women, Peace and Security***

L-Ispeaker informa lill-Kumitat illi kien ikkomunika miegħu l-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej, l-Onor. Evarist Bartolo, dwar attività proposta sabiex tniedi n-*National Action Plan on Women, Peace and Security*, liema attività huwa wkoll propost li ssir bejn wieħed u ieħor fl-20 anniversarju mir-Riżoluzzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti UNSCR 1325 tal-31 ta' Ottubru 2000 dwar ir-rwol importanti li għandhom in-nisa fil-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni ta' kunflitti u tagħmel enfasi fuq il-bżonn li jipparteċipaw b'mod sħiħ fiż-żamma u l-promozzjoni tal-paċi u s-sigurtà.

L-Ispeaker issuġerixxa li l-Kamra tfakkar dan l-avveniment billi jsir diskors qasir miż-żewġ naħat fil-Kamra fil-ħin ta' wara l-Mistoqsijiet Parlamentari f'seduta fl-aħħar ġimgħa ta' Ottubru, u talab liż-żewġ Whips jindikaw il-Membru li ser jitkellem min-naħa tagħhom. L-Onor. Glen Bedingfield informa lill-Kumitat li min-naħa tal-Gvern kienet ser tieħu sehem is-Segretarju Parlamentari għall-Ugwaljanza u r-Riformi fi ħdan il-Ministeru għall-Ġustizzja, Ugwaljanza u Governanza, l-Onor. Rosianne Cutajar, filwaqt li l-Onor. Robert Cutajar informa illi kien ser jikkomunika l-isem tal-Membru fi stadju ulterjuri.

**Rappreżentant tal-Parlament Malti fi Brussell**

L-Ispeaker informa lill-Kumitat illi fit-22 ta' Settembru 2020 ir-rappreżentant tal-Parlament Malti ġewwa Brussell, is-Sur Ian Paul Bajada, li ġie maħtur mill-istess Kumitat f'din il-ħatra għal perjodu ta' sena sa tmiem l-2020, informa lill-Iskrivan tal-Kamra li jixtieq illi l-ħatra tiegħu tkun estiża għal sena oħra, ċjoè sa tmiem l-2021.

L-Ispeaker irringrazzja lis-Sur Bajada tal-ħidma tiegħu u, kif sar fil-każijiet preċedenti, talab jekk hemmx qbil fil-Kumitat illi tingħata din l-estensjoni.

Il-Kumitat qabel illi l-ħatra tas-Sur Bajada tiġi estiża b'sena sa tmiem l-2021.

**Ħatra ta' Membru ġdid u Kap tal-Oppożizzjoni**

Il-Whip tal-Oppożizzjoni informa lill-Kumitat illi kif kien diġà informa lill-Uffiċċju tal-Ispeaker, fis-seduta ta' dakinhar kien ser jagħti l-ittra ta' riżenja tiegħu minn Membru Parlamentari l-Onor. Ivan J. Bartolo, liema riżenja kienet ser tippermetti illi Dr Bernard Grech jingħata l-ġurament bħala Membru Parlamentari fis-seduta tat-Tlieta, 6 ta' Ottubru 2020 u l-ħatra ta' Kap tal-Oppożizzjoni mingħand il-President ta' Malta nhar l-Erbgħa, 7 ta' Ottubru 2020.

Il-Kumitat qabel illi għall-okkażjoni tal-għoti tal-ġurament lil Dr Bernard Grech, il-membri tal-familja immedjata ta' Dr Grech għandhom ikunu permessi li jattendu għal dik il-parti tas-seduta mill-i*strangers gallery*.

Fit-3.41 p.m. il-Kumitat aġġorna għal data li kellha tiġi komunikata aktar 'il quddiem.

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**